MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Numru 39/2000

Il-Pulizija
(Spettur Antonello Grech)
Vs.
Walther Zammit

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 499748(M), akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer fl-1998 u fl-1997, (A) b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jammonta ghal iktar minn hames mitt lira bi hsara ta' Jason u Gordon Gatt;

2. bi hsara ta’ haddiehor, ghamel qliegh iehor b’qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, liema hsara tammonta ghal aktar minn hames mitt lira;

3. iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghmul b’xi att pubbliku tal-Gvern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi b’verbal tal-lum l-Ufficcjal Prosekutur f’din il-kawza deher u irtira l-akkuza.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tieqaf milli tiehu aktar konjuzzjoni tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------